**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Simone Grech**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Danrof Vella**

**Illum 21 ta' Jannar 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Danrof Vella detentur tal-karta ta' l-identita' numru 10089(M) li permezz tagħhom ġie akkużat li:

*Talli nhar is-26/11/2018 fil-ħinijiet ta' bejn l-16.00hrs u l-17.00hrs ġewwa Ħaż-Żabbar,*

*Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża li ġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ u/jew kkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem ta' Gareth Chlach, skond ma iċċertifikat Dr Amy Sarah Camilleri, Med Reg no 3470 mill-Isptar Mater Dei;*

*Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gareth Chlach, skond ma ċċerticikat Dr Amy Sarah Camilleri Med Reg no 3470 mill-isptar Mater Dei;*

*Ħebb kontra il-persuna ta' Gareth Chlach sabiex jinġurjah, idejjqu jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta lil imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Danrof Vella, a benefiċċju ta' Gareth Chalch u familjari tiegħu u dan fit-termini tal-Artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba f' każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuna ta' Gareth Chlach jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Danrof Vella b' obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq.*

*Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet a' Malta.*

Rat id-dokumenti.

Semgħet il-provi.

Rat li l-imputat kkontesta l-akkużi kif dedotti kontrih izda li ammettiehom fi stadju ulterjuri u li kkonferma tali ammissjoni wara li ngħata żmien raġjonevoli sabiex jirregola ruħhu u wara li ġew spjegati lilu l-konsegwenzi li ġġib magħha tali ammissjoni.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li tinsab htija taht l-Artikoli 214,215, 216, 49, 50, 339(d), 382A, 383, 384,385, 386, 412C, 412D, 17, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Fuq ammissjoni, din il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Fir-rigward ta' piena, l-istess Qorti żammet f' moħħha ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kif ukoll il-fatt li l-vittma Gareth Chalch ħafer lill-istess imputat u ddikjara li huwa ma għandux interess f' dawn il-proċeduri.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 214,215, 216, 49, 50, 339(d), 382A, 383, 384,385, 386, 412C, 412D, 17, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn milll-lum ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Qed tordna ai termini ta' l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li l-ħati ma jkellimx u ma jimmolestax lil Gareth Chalch għal żmien sena taħt penali ta' EUR 500. Qegħda wkoll tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti maħtura f' din il-proċedura skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġiijiet ta' Malta, liema ħlas għandu jsir sa żmien mhux iktar tard minn sena mid-data ta' din is-sentenza.**

Maġistrat Simone Grech

Janet Calleja

Deputat Reġistratur